# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum it-8 t'Ottubru 2019**

Appell numru 338 tal-2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jeffrey MUSCAT**

Il-Qorti :

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Jeffrey MUSCAT li permezz tagħhom ġie mixli talli :

> f'Hal Qormi u f dawn il-Gzejjer- fis-sebgha (7) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013), ghall-habta tas-siegha u nofs ta' wara nofsinhar (13:30hrs):
>
> 1. ikkaguna ferita ta' natura *gravi* fuq iI-persuna ta' PC 482 Keith Muscat, persuna nkarigata skond il-ligi minn *servizz* pubbliku, filwaqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, liema ferita giet iccertifikata minn Dr Christian Zammi MD (reg nr 3241) tal-Isptar Mater Dei, Msida;
> 2. u aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 635 Alan Calleja u PC 482 Keith Muscat, persuni inkarigati skond il-Iigi minn *servizz* pubbIiku, filwaqt Ii kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-

Iigi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak *is-servizz,* u dan bi ksur talArtikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. u aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PS 635 Alan Calleja u PC 482 Keith Muscat, persuni inkarigati skond il-ligi minn *servizz* pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba Ii kienu ghamlu dan *is-servizz* jew bil-hsieb li jbezzahom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-*servizz* u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn Ufficjal tal-Pulizija, jew rna halliehomx jew fixkilom waqt Ii kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirhom, billi rna halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel jew billi gab fix-xejn dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi u dan bi ksur ta'Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq *il-vettura* tal-ghamla Toyota RAV 4 bin-numru tarregistrazzjoni EBR 359 b'manjiera perikoluza bi traskuragni u bi speed *eccessiv* u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku:

Il-Qorti hi mitluba sabiex barra milli tappIika il-piena stabbilita mill-Ligi, tor dna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez Ii ghnadhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond I-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

## Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrat (Malta) tal-11 ta' Lulju 2017 li permezz tagħha dik il-Qorti

Ikkunsidrat:

Li l-kawza hi esklussiva u limitata minn banda wahda ghall-Artikolu 95, 96 u 338 (?) tal-Kap 9 u minn banda l-ohra l-Artikolu 216 tal-Kap9 u 15 (1)(a)(2) tal-Kap 65.

Fil-fehma tal-Qorti, fuq l-imsemmija artikoli tal-ligi, l-provi iwasslu biex jippruvaw sal-grad ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni s-sewqan perikoluz u l-ferita gravi. Fil-kumplament il-fatt li l-persuni tal-pulizija ma kienux identifikabbli bhali tali u fid-dubbju jekk kienux identifikaw lilhom innfushom b'mod u manjiera effettiva, l-Qorti hi tal-fehma li l-bqija tal-akkuzi ma jirruzultawx pruvati.

Rat ghalhekk l-Artikoli 216 (xhieda tat-tabib a folio 60) tal-Kap 9 u l-Artikolu 15 (1)(a)(2) talKap 65. Tikkundannah sena prigunerija sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, €223 multa u

> tiskwalifikalu l-licenzja tieghu tas-sewqan ghal sena mil-lum. Tilliberah mil-bqija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jeffrey MUSCAT preżentat minnu nhar il-21 ta' Lulju 2017 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha :

> **THASSAR U TANNULLA** s-sentenza appellata billi **TIDDIKJARA** l-istess sentenza nulla u bla effett; jew fin-nuqqas ta' dan **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi filwaqt li **TIKKONFERMAHA** fil-parti fejn sabitu mhux hati tal-imputazzjonijiet, **THASSARAHA U TIRREVOKAHA** fil-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentement tilliberah minnhom; jew sussidjarjament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet lid-Difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-27 ta' Ġunju 2019;

***Ikkunsidrat : -***

L-appellant jikkontendi fl-ewwel lok li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hija nulla peress li dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati ai termini tal-artikoli tal-Liġi iżda naqset milli tindika l-imputazzjonijiet illi kienet qegħda ssibu ħati tagħhom, u kif ukoll dawk li kienet qegħda tilliberah minnhom.

Fuq dan il-punt l-appellant għandu raġun. Minn qari tas-silta aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati semmiet liema reati kienet qegħda ssib li kienu ġew, fil-fehma tagħha, pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-

raġuni iżda naqset milli ssemmi li kienet qegħda ssibu ħati tagħhom. Li l-Qorti ssemmi liema imputazzjonijiet ikunu ġew pruvati sal-grad rikjest mill-Liġi huwa tajjeb. Iżda wara dan trid issegwi dan is-sejbien bil-formula li qegħda ssib lill-imputat ħati ta' dawn ir-reati li jkunu hekk ġew pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu tal-Liġi speċifika li jkun jikkontempla r-reat. F'dan il-każ il-Qorti sabet li ċerti fatti ġew pruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u ma ddikjaratx lill-imputat ħati tar-reati speċifiċi bażati fuq dawk il-fatti.[1] Għalhekk din il-Qorti qegħda tilqa' l-preġudizzjali sollevata mill-appellant u qed tħassar u tannulla s-sentenza appellata. Il-Qorti f'dan il-każ, wara li qieset ukoll in-natura tad-difett proċedurali li wassal għan-nullita kif ukoll il-kwalita tal-provi prodotti, qegħda tagħżel li tgħaddi biex tiddeċiedi l-każ mill-ġdid fuq il-meritu.

***Ikkunsidrat : -***

---

[1] Fis-sentenza ***Il-Pulizija vs John Axiak et***, deċiża minn din il-Qorti, diversament presjeduta, nhar id-19 ta' Mejju 2005 ġie deċiż is-segwenti :

> Inoltre kif fuq intqal, l-Ewwel Qorti ma qalitx espressament ta' x' hiex qed issib htija u minn x' hiex kienet qed tillibera lill-appellant u dan jista' jiftiehem biss b'implikazzjoni, fatt dan li seta' bir-ragun kien il-kagun tal-appell in parti nebuluz tal-appellant li fuqu l-Avukat Generali bbaza l- eccezzjoni tieghu tan-nullita' tar-rikors tal-appell. Issa ukoll skond il-gurisprudenza kostanti, meta l-Qorti tal-Magistrati tati s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom ikun misjub hati. Inoltre l-Qorti ghandha tindika taht liema akkuzi l-imputat ikun instab hati u minn liema hu jkun gie liberat. Jekk sentenza ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, dik is-sentenza tkun nulla. (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Generoso Sammut" [13.10.2004] , "Il-Pulizija vs. Piju Gafa'" [18.4.1959] ; "Il-Pulizija vs. Francis Aquilina" [26.11.1960]; "Il-Pulizija vs. Frans Portelli" [3.3.1992] u ohrajn) u din in-nullita' hija anki sollevabbli "ex officio" mill-Qorti tal-Appell (App. Krim. "Il- Pulizija vs. Emmanuel Zammit" [16.1.1986] u ohrajn.).

Ix-xiehda dwar l-inċident hi kemm diretta kif ukoll indiretta. Ix-xiehda diretta tikkonsisti fid-deposizzjoni ta' PC482 Keith Muscat a fol 41 et seq u ta' PS 635 Alan Calleja a fol 82 et seq kif ukoll dik tal-imputat a fol 221 et seq. Minn qari ta' din l-evidenza diretta jirriżultaw diskrepanzi fuq l-aspetti l-aktar salenti għall-każ bejn il-verżjonijiet tal-Pulizija fuq naħa u tal-imputat fuq in-naħa l-oħra.

Skont PC482 Keith Muscat fis-7 ta' Ġunju 2013 hu flimkien ma' PS635 Alan Calleja kienu bil-karozza jassistu lil kollegi tagħhom fuq operazzjoni ta' sewgiment ta' vettura Toyota EBR 359 (minħabba informazzjoni relatata mal-abbuż ta' droga). Huma waslu fi Triq il-Mejjilla, f'Ħal-Qormi u quddiemhom kien hemm karozza wieqfa (it-Toyota EBR 359). Is-sewwieq kien fuq il-*mobile phone* u startja. Kif waslu quddiemu ħarġu mill-karozza, qalulu biex jinżel mill-karozza, qalulu li kienu Pulizija, iżda s-sewwieq qabad isuq bir-*reverse*. Waqt li kien qed isuq bir-*reverse*, dan ħabat mal-ħajt. Kif ħabat mal-ħajt, huma telqu jiġru warajh. PC482 jgħid:

> Jien dahhalt idejja u rasi minn gon-naha tal-passiggier u ergajt ghidtlu biex jieqaf u ergajt ghidtlu li ahna pulizija. Dan qabad u dawwar l-isteering gas down u jiena tirt u spiccajt mal-art.

Ma wrewħx mezz t'identifikazzjoni għax ma kienx hemm ċans biex juruh. Biss avżawh darbtejn – kif niżlu mill-vettura kif ukoll kif kienu f'distanza qasira. Biss huma kienu liebsin pajżana u l-karozza li kienu fiha kienet ukoll pajżana.

PC482 jgħid li huwa spiċċa mal-art għax "tirt". Huwa intlaqat bil-ġenb tal-karozza peress li t-triq li ried jgħaddi minnha l-imputat kienet qegħda *right angle* u ma tantx kellu spazju fejn jimmanuvra peress li t-triq hemmhekk hija dejqa ħafna. Kien għalhekk li huwa spiċċa mal-art waqt li l-imputat saq l-hemm minn fuq il-post. In konsegwenza għal dan l-inċident u għall-fatt li huwa inbeżaq għal mal-art meta l-imputat saq l-hemm għall-għarrieda, dan ix-xhud tenna li huwa kien spiċċa b'idu miksura u għamel ġimgħa fil-ġibs. Wara ġimgħa l-Professur qallu li fejn kellu miksur il-ġibs qajla kien jgħinu jfieq. Kien infaxxat u kien miġugħ. Kien ilu mad-Drug Squad minn Jannar tal-2013, għalkemm dak iż-żmien kien ilu tminn snin li ingħaqad mal-Korp tal-Pulizija.

Għalkemm jgħid li lill-imputat qatt ma kien raħ qabel dan l-inċident, PC482 għaraf lill-imputat fl-awla u kien ċert mija fil-mija li kien l-istess sewwieq tal-vettura riċerkata għaliex huwa f'mument minnhom kien qrib tiegħu ħafna meta rnexxielu jdaħħal rasu u jdejh fin-naħa tal-passiġġier tal-vettura misjuqa mill-imputat.

Biex jipprova jwaqqaf lill-imputat, f'ħin minnhom PS635 Calleja spara *warning shot* lejn id-direzzjoni tat-*tyre* tan-naħa ta' wara tal-passiġġier misjuqa mill-imputat. Dan it-tir ġie sparat wara li huwa ġie mtajjar mill-vettura misjuqa mill-imputat.

PS635 Alan Calleja jixhed a fol 82 u jgħid li dakinhar tal-inċident kellu jsir raid ġewwa Ħal-Qormi fuq ċertu Jeffrey Muscat. Xis-1315 ġie infurmat li dan kien qiegħed javviċina r-residenza tiegħu fi Triq il-Mejjilla f'Ħal-Qormi isuq vettura Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni EBR 359. Huwa ġibed lejn Triq il-Mejjilla u fil-parti fejn din it-triq tidjieq innota li kien hemm din il-vettura EBR 359. Jgħid hekk :

> X'hin gejt go din il-parti dejqa tat-triq, nnutajt l-imsemmija vettura. Xhin il-vettura, din it-Toyota rat li ahna qed navvicinaw lejha u indunat li ahna ser nieqfu fuqha din il-vettura, nnutajna li l-persuna li kien qed isuqha ppanikkja u qabad jirriversja b'mod imprudenti. X'hin rajna hekk ahna hrigna minn gol-karozza peress li ma kienx hemm fejn insuqu bil-karozza sew u tlaqt nigri fid-direzzjoni ta' din il-vettura Toyota. Ahna konna lebsin pajzana, konna minghajr uniformi u mill-ewwel bdejt nghajjat il-kelma 'pulizija, ieqaf'. Sid il-vettura li huwa Jeffrey Muscat li qed ngharaf hawn hekk gewwa l-awla, baqa' jirriversja u baqa diehel go faccata ta' dar gewwa Triq San Pietru. Jien ergajt ghidtlu biex jieqaf sabiex inkellmuh u ahna nkomplu bix-xoghol taghna. jien dakinhar kont ma PC 482 Keith Muscat. JIen gbidt fuq in-naha ta' quddiem tal-karozza mentri PC 482 mar in-naha ta' wara biex jipprova jilhaq in-naha tax-xufier u jehodlu c-cavetta tal-karozza u jwaqqaflu l-vettura. Wara li dahal gol hajt huwa rega beda jsuq 'l quddiem u x'hin beda jsuq il-quddiem rajt lil PC 482 itir fl-arja u jiehu tisbita kbira mal-art. il-vettura Toyota rajtha gejja fid-direzzjoni tieghi u jiena x'hin rajt hekk ma kellix triq ohra hlief nwarrab min-nofs halli nhalliha tibqa' ghaddejja biex ma ttajjarx lili wkoll. Kif qabzitni din il-vettura gibdet lejn in-naha tal-hajt li hsibt li setghet tehel mal-hajt u terga tirriversja. Jiena minn hemm hekk hadt id-decizjoni li nispara tir fuq in-naha ta' wara tal-vettura fuq in-naha tax-xellug.

Minkejja l-isforzi li PS635 għamel biex iwaqqaf din il-vettura, l-imputat baqa' jsuq l-hemm. Sadattant PS635 mar jara x'ġara minn sieħbu PC482, li qallu li kellu idu x-xellugija tuġgħu.

Mitlub jispjega eżattament x'għamlu meta niżlu mill-karozza tas-servizz pajżana PS635 jgħid li kif niżlu, hu u PC482 bdew jiġru b'saqajhom lejn id-direzzjoni tat-Toyota misjuqa mill-imputat li kienet madwar 7 jew 8 metri l-bogħod minnhom waqt li beda jgħajjat : "*ieqaf, pulizija*" b'leħen għoli biex ikun ċert li l-imputat, li sadattant kien qed jaħrab, jirnexxielu jisimgħu. Iżda l-imputat minflok waqaf ħares lura u baqa' jirriversja u baqa dieħel fil-ħajt. Kien meta beda jirriversja li PS 635 ħareġ l-arma tas-servizz. Id-distanza li saq bir-*reverse* kienet madwar 15 jew 20 metru. Imbagħad saq fid-direzzjoni l-fuq minn Triq San Pawl. L-imputat kien qiegħed isuq b'mod eċċessiv.

L-imputat minn naħa tiegħu jgħid li dakinhar tal-inċident kien fi Triq il-Mejjilla, f'Ħal-Qormi fil-vann Rav4 bil-pjanċi EBR 359 u kien ilu kwarta ġol vann jisma' r-radio jistenna lit-tifel jinżel biex jieħdu għand ommu. Jgħid hekk : -

> Jien kont qed nistenna lil xi membri tal-familja jnizluli lit-tifel isfel biex niehdu mieghi. U dina Triq il-Mejjilla, hija sqaq li minnha tghaddi karozza wahda. U fil-bicca li kont qieghed jiena fiha, l-karozza ma tghaddix sew, vettura trid taghlaq mera ta' karozza. U wara li kont ilni xi kwarta isfel, nistenna lit-tifel jew ghaxar minuti, nara karozza tat-tip Opel Astra, gejja minn faccata tieghi u jiena kont bil-vann mitfi. U din diga fhemtek li one lane. Karozza wahda tghaddi. Waqt li jien kont qieghed bil-vettura tieghi mitfija, mort biex nixghela ghax rajt vettura gejja lejja, u f'din il-bicca li l-karozza ma tghaddix sewwa, jiena rajt lil xi hadd qieghed jipprova jirsisti biex jiftah il-bieba…tal-passiggier..Tal-vettura Opel Astra. In-number plate ma' nafux. U b'revolver ippuntat lejja u jiena kif rajt hekk Sur Magistrat, qisni ppanikjajt, bhal xokk. U automatic startjajt il-vann, irriversjajt jiena u ma' tantx kien hawn boghod. Jigifieri minn hawn u dik il-kantuniera, l-bicca li rriversjajt jiena... U huma kienu l-boghod minni minn hawn u l-bieb ta' barra. Tal-Qorti. U jiena kif rajtu jirsisti u bir-revolver hekk… Ehe. U hu beda jirsisti ghax minn fejn kienu ghaddejjin huma, l-bieba ma setghatx tinfetah. Ma' tinfetahx ghax qed nghidlek trid taghlaq il-mera biex tghaddi ghax sqaq dan. U kif rajt hekk, jiena rriversjajt, il-karozza qisha ma tantx zammet sew

> jew forsi bil-qatgha u x-xokk li kelli. U soqt il-quddiem. U dort bicca hekk, kollox minn hawn s'hemm qed nghidu. Minn hawn sal-kantuniera. Dort hekk u jiena tlaqt lejn, bid-direzzjoni lejn Haz-Zebbug, biex niftehmu. Mort Haz-Zebbug jiena, b'qatgha kbira fuqi. Ipparkjajt l-ewwel bicca li sibt u qbizt nigri ghal gol-ghelieqi jiena. U bil-panic u bix-xokk hallejt il-mobile warajja gol-vann. U biex ma' ntawwalkex, jiena wasalt fejn ic-cimiterju ta' Haz-Zebbug.

Mistoqsi mill-Avukat Difensur jekk kienx ra xi persuna li ttajret bil-manuvra li kien għamel bil-karozza, l-imputat wieġeb hekk : -

> Ma setgħatx tittajjar il-persuna l-ghaliex kienet il-boghod hafna ta…Iva. Kienu l-boghod minn hawn u l-bieb tal-Qorti…Il-bieb ta' barra. Il-principali, ta' barra… Jiena bil-panic u bix-xokk li kelli lanqas smajthom jghajtu. Fhimtni?

Mistoqsi mill-Qorti meta bdew jgħajtulu – jekk hux meta wasal Ħaż-Żebbuġ, l-imputat wieġeb hekk : -

> Le, nahseb jiena u sejjer bil-vann. Imma jiena qas smajthom ta. Ma' smajt xejn. Jiena kelli t-twieqi maghluqin u ha nqerr mieghek kien hemm l-istereo tieghi mixghul. Kont qieghed nisma' xi ahbarijiet u hekk. U qisni hadt qatgha kbira ghax l-izjed haga nahseb li kont qed nisma li kien miet xi certu wiehed il-Marsa. U nizlu ghalih b'xi revolver u hekk u izjed bzajt.

L-imputat ikompli jispjega li dawn il-persuni li waqfuh kienu tnejn, wieħed isuq u l-ieħor passiġġier, kienu lebsin in-nuċċali, flokk blu, sports u *shorts* u *running shoes*. Biss hu ftit rahom għax kif ra wieħed minnhom qed jipponta r-*revolver* lejh, rriversja jiġri. Għaraf wieħed minnhom li kellu r-revolver għax beda jiċċaqlaq u beda jipprova li jiftaħ il-bieba tal-karozza li kien riekeb fiha hu.

Jispjega wkoll li kif wasal Ħaż-Żebbuġ kien hemm raġel anzjan, li ma kienx jaf min hu, u qallu biex jagħmillu pjeċir, għax sa dak il-ħin kien għadu ma jafx li dawk kienu Pulizija. Lil dan l-anzjan qallu : -

> "Ma' taghmillix daqsxejn pjecir, siehbi" ghax kont qed infehmu ghax dak il-hin jiena ma kontx naf li Pulizija. Ghidtlu: "Gew joqtluni, kemm incempel wahda", alavolja qatt m'ghamilt xejn biex joqtluni. Imma dak il-hin hekk fhimt. U qalli : "Mela le," u nsomma cempilt lil ommi jiena, u kif cempilt lil ommi qaltli: "Inti ggelidt ma xi had? Jew ghamilt xi haga? Ghax gew il-Pulizija jfitxuk id-dar." Ghidtilha: "X'inhu, l-Pulizija? All right, aqta."…Qaltli : "Jriduk fejn il-vann." U jiena kont ftit boghod, u lil dan l-anzjan ghidtlu: "Ma' taghmillix pjacir siehbi u twassalni daqsxejn." U rega wassalni lura fejn il-vann.

Minbarra din l-evidenza diretta, hemm imbagħad evidenza oħra rilevanti għas-soluzzjoni ta' dan il-każ. Il-fatt li PC482 sofra l-frattura huwa korroborat mid-deposizzjoni ta' Dr. Christian Zammit a fol 59 li jikkonferma li fis-7 ta' Ġunju 2013 għall-1640 kien invista lil Keith Muscat, ħadlu x-ray li wera li kellu ksur fil-parti t'isfel ta' waħda mill-għadam tal-id li hija r-*radius*. Dan kien ksur u klassifikabbli bħala ġrieħi gravi. Jgħid li wara ġimgħa kien ġie invistat minn speċjalista tal-għadam u rrepetwlu l-x-ray u baqgħu jsegwuh għal sitt ġimgħat wara.

L-espert Joseph Zammit li ezamina l-vettura Toyota EBR–359 jikkonkludi li din il-vettura ma kellhiex problem mekkaniċi kif ukoll li setgħa jinnota li l-ħsarat li din il-vettura kellha kienu kompatibbli ma' daqqiet li dehru ma' ħajt u ma tarf ta' bankina li kienu fil-post fejn l-imputat kien saq din il-vettura mal-istess ħsarat li kellha l-vettura spezzjonata minnu. Dawn huma wkoll korroborati mir-ritratti meħuda mis-*Scene of Crime Officer.*

*Ikkunsidrat : -*

Illi din il-Qorti temmen il-verżjoni ta' kif zvolġa l-inċident skont kif rakkontata minn PC482 u PS635. Tifhem li dawn l-Aġenti tal-Pulizija, membri tal-Iskwadra kontra d-Drogi, ikunu pajżana u jsuqu karozzi pajżana speċifikament biex ma jagħtux fil-għajn. Biss dan joħloq problema ta' identifikazzjoni, b'mod partikolari meta jkunu jridu jwetqu xi operazzjoni fejn il-ħin ikun kruċjali għas-suċċess tal-operazzjoni. Il-fatt li jagħtu avviż li jkunu Pulizija, huwa tajjeb u meħtieġ; iżda din it-twissija waħedha mhux dejjem tkun biżżejjed biex il-persuna intimata tkun ċerta li l-persuni intimandi jkunu verament Aġenti tal-Pulizija – u dan iseħħ b'mod partikolari meta dawn l-Aġenti jkunu pajżana. Għalhekk huwa deżiderabbli li mal-ewwel opportunita raġonevolment disponibbli għalihom, dipendenti miċ-ċirkostanzi tal-każ u minn natura tal-operazzjoni involuta, il-Pulizija għandhom juru mezz t'identifikazzjoni uffiċjali li juri verament li jkunu Pulizija lill-persuna intimanda. Dan qiegħed jingħad b'mod partikolari għaliex sabiex jiġu integrati r-reati ta' oltraġġ taħt l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali jew attakk jew reżistenza taħt l-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali jew diżubbiedjenta taħt l-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ li l-malvivent ikun konsapevoli li l-azzjoni tiegħu tkun diretta lejn wieħed mill-persuni kwalifikati f'dawk l-artikoli. Jekk il-malvivent ma jkollux dik il-konsapevolezza ċara f'moħħu, dawk ir-reati ma jkunux jistgħu jitqiesu integrati.

Din il-Qorti temmen li PC482 u PS635 għamlu sforzi verbali biex jikkonvinċu lill-imputat li kienu Pulizija u ma temminx lill-imputat meta jgħid li huwa ma semgħahomx. Hemm diversi punti li joħorġu mix-xiehda tal-imputat li ma jaqblux mal-verżjoni ta' PC482 u PS635 li jirrendu l-verżjoni tiegħu inverosimili. Per eżempju l-imputat jixhed li kellu t-twieqi magħluqin. Iżda PC482 jgħid li huwa daħħal rasu u idu mit-tieqa tal-passiġġier u kien minħabba f'hekk li huwa nbeżaq minn mal-karozza meta l-imputat għamel il-manuvra billi dawwar l-i*steering wheel "gas down"* biex idur fi triq li kienet at *right angle*. Apparti minn hekk il-fatt li PC482 inbeżaq u tar mal-art huwa korroborat mix-xiehda ta' PS635. L-imputat jgħid li huwa ma tajjar lil ħadd.. Anzi l-imputat jgħid li dawk iż-żewġ persuni kienu l-bogħod ħafna minnu l-ħin kollu. Biss iż-żewġ Pulizija jikkonfermaw li huma kienu resqu sew viċin tal-vettura misjuqa mill-imputat tant li PC482 inbeżaq minn ma din il-vettura u tar mal-art.

Apparti minn hekk il-Qorti tqis ukoll li l-użu tar-*revolver* da parti ta' PS635 seħħ wara li l-imputat kien għamel il-manuvra ta' *reverse* u kien ħabat mal-ħajt. Qabel dak l-inċident ħadd ħlief l-imputat ma jsemmi li kien hemm xi użu ta' *revolver* la bi prekawzjoni u l-anqas b'azzjoni ta' twissija. Il-Qorti ssibha inverosimili li PS635 ipponta r-*revolver* lejn l-imputat waqt li kien qiegħed fil-vettura tiegħu u qabel ma l-imputat għamel il-manuvra tar-*reverse* minn fuq il-post.

Kemm PS 635 kif ukoll l-imputat jikkonfermaw li l-imputat saq minn fuq il-post bir-*reverse* meta kien fi stat ta' paniku. Ma jaqblux **<u>għaliex</u>** kien fi stat ta' paniku. PS 635 jagħti x'jifhem li l-imputat deher ippanikjat meta waslu quddiemu bil-vettura. Iżda sa dak l-istadju huwa ma jgħidx li rrikorra għall-arma tas-servizz. Fil-verita sa dak il-punt ma kienx għad hemm raġuni għaliex, meta kien għadu fil-karozza tiegħu, joħroġ u juża jew jippunta l-arma tas-servizz lejn l-imputat. Aktar u aktar meta kien għadu ma ħariġx mill-karozza tiegħu. Mill-banda l-oħra l-imputat jgħid li ppanikja meta ra lil wieħed mill-persuni jippunta *revolver* lejh. Biss, għar-raġuni miġjuba aktar il-fuq din il-Qorti ma tqisx li din il-verżjoni hija verosimili. Temmen li l-manuvra ta' *reverse* fi stat panikuż da parti tal-imputat verament seħħet u seħħet għaliex kien hemm xi ħaġa li ma kienetx fis-sewwa. Persuna li tkun qed tistenna f'karozza u ssib quddiemha karozza oħra quddiemha ma jkollhiex għalfejn tagħmel il-manuvra ta' *reverse* b'ħeffa u bla kont b'mod li tibqa' dieħla f'ħajt, imbagħad timxi l-quddiem, imbagħad tieħu bankina u tibqa' sejra b'veloċita għolja f'direzzjoni l-bogħod. F'dan il-każ is-sewqan u l-manuvri adoperati mill-imputat f'dawk iċ-ċirkostanzi ta' dik it-triq kif deskritti mix-xiehda okulari kif ukoll minn evidenza indiretta prodotta f'dan il-każ, huwa klassifikabbli bħala sewqan li kien mhux biss b'nuqqas ta' kont iżda wkoll perikoluż, li kkawża wkoll ħsara mhux biss fuq il-vettura misjuqa minnu iżda wkoll fuq proprjeta ta' terzi persuni.

***Ikkunsidrat : -***

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti għalhekk din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-kawża tal-offiża gravi subita minn Keith Muscat kienet dovut għall-azzjoni intrapriża mill-imputat fis-sewqan tiegħu. Il-Qorti temmen il-verżjoni tal-fatti rakkontata minn Keith Muscat meta huwa jiddeskrivi li nbeżaq mill-karozza bil-manuvra intrapriża mill-imputat meta Muscat kien irnexxielu jdaħħal rasu u idu fil-vettura misjuqa mill-imputat. Il-Qorti ssibha ferm diffiċli tifhem kif l-imputat ma setgħax jintebaħ li bil-manuvra li għamel ma kienx ser jikkawża ħsara fuq il-ġisem ta' Muscat meta huwa mhux biss kompla jsuq il-vettura tiegħu iżda wkoll jagħmel il-manuvra deskritta minn Muscat b'mod li huwa inbeżaq mal-art u konsegwentement sofra l-offiża gravi.

Hawnhekk il-Qorti tirravviża li din l-azzjoni ma kienetx waħda ta' negliġenza. L-imputat, b'Muscat imqabbad mal-vettura misjuqa minnu bil-mod kif deskritt minn Muscat, u bil-manuvra tas-sewqan kif deskritta minn Muscat, setgħa faċilment jara li, bil-manuvra li kien ser jintraprendi, huwa setgħa jikkawża ħsara fil-ġisem ta' Muscat bħala konsegwenza probabbli ta' dik il-manuvra li kien qiegħed jagħmel, u anke jekk huwa ma riedx dik il-ħsara fil-ġisem ta' Muscat, xorta waħda għażel li jwettaq dak l-egħmil li ġab dik il-ħsara. Il-konsegwenza ta' dan hi li l-ħsara kaġunata fil-ġisem ta' Muscat tiġi li saret mill-imputat b'mod volontarju. Kif deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-12 t'Awissu 2010 fil-kawża ***Il-Pulizija vs Julian Genovese*** :

> Wiehed ma jrid qatt jinsa li d-dolo jikkonsisti kemm fl-intenjoni pozittiva diretta kif ukoll fl- intenzjoni pozittiva indiretta, u li din tal-ahhar hija wkoll bizzejjed biex tirradika l-element formali tar-reat meta dan ikun jirrikjedi – kif effettivament jirrikjedi l-Artikolu 325 – l- intenzjoni doluza. Sfortunatament hija opinjoni popolari, izda wahda zbaljata, anke fost certi avukati, li l-intenzjoni pozittiva indiretta hija relevanti biss fil-kaz tar-reat ta' omicidju volontarju. Kif diga` nghad, dan ma hux minnu.

Il-Qorti għalhekk tqis li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imputazzjoni kontestata lill-imputat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu a fol 196 tal-proċess fit-termini tal-Artikolu 214, 215 u 216(1)(a)(ii)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Mill-banda l-oħra, għar-raġunijiet miġjuba aktar il-fuq, din il-Qorti mhix konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat, f'dak il-punt u f'dawk iċ-ċirkostanzi pervalenti f'dan l-inċident, kien żgur li dawk iż-żewġt persuni quddiemu kienu verament Aġenti tal-Pulizija. Dan għalhekk ma jwassalx għall-estremi li jiġu integrati t-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u dan peress li biex dawn ir-reati jiġu integrati jkun jeħtieġ l-għarfien inekwivoku da parti tas-suġġett attiv tal-vesti uffiċjali tal-persuna inkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku, ħaġa li f'dan il-każ ma jistax jingħad li ġiet soddisfaċentement ippruvata.

Iżda l-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-ħames imputazzjoni.

# *Konklużjoni*

Għall-motivi premessi din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 214, 215, 216(1)(a)(ii)(b), 95, 96, 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat Jeffrey MUSCAT mhux ħati tat-tieni, t-tielet u r-raba imputazzjonijiet u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena, filwaqt li ssibu ħati tal-ewwel u l-ħames imputazzjonijiet.

Illi kwantu għall-piena tikkundannah għall-perjodu ta' **tnax il-xahar priġunerija**. Rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ għajr ħlief jekk matul il-perjodu ta' **sentejn millum** il-ħati jikkommetti reati ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Il-Qorti fehmet lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilta' tiegħu u l-konsegwenzi li jitnisslu fil-każ li huwa jikkommetti tali reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża u dan ai termini tal-Artikoli 28A(4) u 28B tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż peritali kollha f'dan il-każ li jikkonsistu fl-ammont ta' €57.07 fir-relazzjoni ta' PS612 Theo Vella; €176.30 fir-relazzjoni ta' PC644 Evan Camilleri u PC910 Sean Pace; €445.46 fir-relazzjoni ta' Joseph Zammit u €176.77 fir-relazzjoni tal-Brigadier Maurice Calleja u PS602

Jonathan Cassar u ċjoe fl-ammont totali ta′ tminn mija ħamsa u ħamsin euro u sittin ċenteżmu (€855.60).

Inoltre b′żieda mal-piena il-Qorti qegħda tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew iżomm jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta′ sena li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl tal-lum.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***